## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. FRANCESCO FARRUGIA (KI. 426703L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24/10/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Francesco Farrugia.** **Bin Roderick u Charmaine nee Penza. . Imwieled. Pieta.14/11/2003.**
**ID. 426703L** **Toqghod ; 31 Triq San Guzepp, Tarxien.**

**BILLI int akkuzat** talli fis-7 ta`Mejju 2022 ghall habta ta`21.30Hrs fi Triq Tumas Dingli, Zabbar kantuniera ma Triq Il-Kunvent, Zabbar,

(1). Waqt li kont qed issuq vettura Nru.CCJ238 inqast li tieqaf fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika `STOP`. (Reg.2, Taqsima II, Partita E(a) LS.65.05)
(2). Soqt vettura Nru.CCJ238 b`manjiera bla kont. (sec,15(1)(a)(3) Chap.65).
(3). Waqt is-sewqan, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura Nru.CCJ238. (Sec.68 LS.65.11)
(4). Soqt vettura Nru.CCJ238 minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni. (Sec.3(1) Chap.104)
(5). Bil-hsieb biss li taghmel uzu temporanju mill- vettura Nru.CCJ238, kemm jekk immexxija b`forza mekkanika kemm b`mezz iehor ikun li jkun, soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek il kunsens tas-sid taghha jew awtroita legittima ohra.(Sec.61(1) Chap.65).

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli zzomm jew jkollhu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 133 J.C. Mangion (affidavit), Joe Cucciardi, Stella Cucciardi u Isis Zammit Saliba.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **<u>PS 133 J.C. Mangion</u>** illi għall-ħabta ta' 9.30pm daħlet persuna fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar li għamlet rapport dwar inċident stradali li kien għadu kemm seħħ ħdejn ħanut tal-pastizzi ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar u li fih kienet weġġgħu xi nies. Meta l-uffiċjal mar fuq il-post huwa lemaħ vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 li kienet nofsha 'l barra mill-istop f'salib it-triq ta' bejn Triq il-Kunvent u Triq Tumas Dingli. Ftit metri 'l bogħod minn din il-vettura, fi Triq il-Kunvent kien hemm vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 664, li kienet nofsha fit-triq u nofsha fuq il-bankina bil-parti ta' quddiem tagħha tmiss mal-ħajt tal-iskola Primarja B ta' Ħaż-Żabbar. L-uffiċjal ħa l-verżjonijiet tas-sewwieqa.

   L-imputat Francesco Farrugia li kien qed isuq il-vettura CCJ 238 qal li kien għaddej minn Triq Tumas Dingli u meta għafas il-break dan ma ħadimx. Mitlub mill-Pulizija sabiex jurih il-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni rriżulta lill-uffiċjal illi għalkemm il-liċenzja kienet valida, l-assigurazzjoni ma kienetx peress li din kienet tkopri biss lil sid il-vettura, ossia lil Anthony Saliba.

   Isis Zammit Saliba, li kienet passiġġiera fil-vettura CCJ 238 qalet li meta l-imputat żamm il-brejk il-vettura ma waqfitx mill-ewwel.

   Ix-xufier tal-vettura JBO 664, Joseph Cucciardi, stqarr illi kien għaddej minn Triq il-Kunvent u li s-sewwieq tal-vettura CCJ 238 baqa' ħiereġ. Il-passiġġiera li kienet miegħu, Stella Cucciardi, sofriet ġrieħi ħfief kif l-istess ġralu Joseph Cucciardi. Kemm Joseph u kemm Stella Cucciardi ffirmaw dikjarazzjoni fis-sens illi ma xtaqux illi jittieħdu passi kontra l-imputat għall-ġrieħi illi ġarrbu. Joseph Cucciardi ffirma dikjarazzjoni ukoll illi ma xtaqx li jittieħdu passi kontra l-imputat għall-ħsarat li kien ġarrab fil-vettura tiegħu

ossia fil-*mudguard* ta' wara tan-naħa tal-passiġġier, fil-bieba ta' wara tan-naħa tal-passiġġier, fil-*bumper* ta' wara u ta' quddiem u fil-*bonnet.* Il-vettura misjuqa mill-imputat kellha ħsarat fil-*bumper* ta' quddiem u fil-*bonnet.*

2. **Joe Cucciardi** xehed illi kien nieżel isuq il-vettura fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar flimkien ma' martu meta l-imputat ħareġ minn ġo ħdejn l-iskola u baqa' dieħel fih u tefagħhom ġewwa ħajt. Huwa qal li l-vettura l-oħra kienet tal-għamla Toyota u li minnha ħarġu ġuvni u tfajla. Il-ġuvni qallu li ma kienx sab il-brejkijiet. Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla bħala s-sewwieq. Mistoqsi meta seħħ l-inċident huwa qal illi mingħalih li dan kien f'Mejju tas-sena l-oħra (2022) f'Jum il-Mara. Qal illi mit-triq li kien ħiereġ l-imputat kien hemm *stop sign* kbira mal-art mentri hu kien miexi fid-dritt u kien qed isuq bil-mod. Meta mistoqsi mill-Qorti biex jippreċiża l-lok huwa qal illi huwa kien qed isuq fi Triq il-Kunvent.

3. **Stella Cucciardi** xehdet illi kienu neżlin minn Triq il-Kunvent u li kien qed isuq ir-raġel tagħha Joe meta f'daqqa u l-ħin sabet ruħha wiċċha lejn l-iskola wara li x-xufier tal-vettura l-oħra tellagħhom fuq il-bankina. Hija għarfet lill-imputat bħala s-sewwieq ta' din il-vettura l-oħra.

4. **Isis Zammit** xehdet illi hija tiġi l-għarusa tal-imputat u li hija kienet riekba miegħu fis-*seat* tal-passiġġier. Meta l-vettura kienet f'salib it-toroq il-vettura waqfet fuq l-istop sign u skond hi l-imputat ma ra lill-ħadd mill-mera. Kien għalhekk li ħareġ għat-triq meta fid-daqqa u l-ħin tfaċċat il-vettura l-oħra u sar l-impatt. Qalet li l-imputat għafas il-brejkijiet però ma kienx hemm biżżejjed ħin sabiex jaħdmu. Ikkonfermat illi l-imputat kien qed isuq il-vettura u li din kienet tappartjeni lin-nannu tagħha (li qiegħed ġewwa dar tal-anzjani fil-Mellieħa) u li ommha, li għandha l-prokura ta' missierha, kienet tatha permess tuża l-vettura.

5. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023 id-difiża esebiet ritratt tal-polza tal-assigurazzjoni maħruġa fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-imputat.

**Kunsiderazzjoni**

6. Qabel xejn fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tal-imputat talbet il-liberatorja peress illi fil-fehma tagħha l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova suffiċjenti dwar il-lok u d-data tal-allegat reati. F'dan ir-rigward tenniet illi x-xhud Joe Cucciardi kien irrefera għad-data tal-inċident bħala d-data ta' Jum il-Mara u ċioe it-8 ta' Marzu. Qalet ukoll illi x-xhieda konjugi Cucciardi xehdu illi l-inċident seħħ fi Triq il-Kunvent u mhux fi Triq Tumas Dingli, kif indikat fil-komparixxi.

7. L-Art. 360(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

> **'360 (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw...'**

8. Dwar in-natura taċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva u kemm hija determinanti l-mankanza tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) il-Qrati tagħna ġeneralment, u partikolarment sal-aħħar tas-seklu għoxrin, kienu konsistenti fil-posizzjoni tagħhom illi ċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire* u bħala tali l-proċeduri proprji huma bbażati fuq il-kwerela jew denunzja kif din tiġi sorretta mill-provi quddiem il-Qorti[1]. Tali posizzjoni tippermetti illi l-Qorti tistrieħ fuq il-provi li jirriżultaw wara li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, b'dan però illi jekk jidhrilha li hekk ikun meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, il-Qorti tkun tenuta

---

[1] Ara *inter alia* s-sentenzi fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 06/12/1948), **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 18/03/1955), **Il-Pulizija v. Noel Zarb Adami** (Qorti tal-Appell Kriminali, 19/06/1989), **Il-Pulizija v. Godwin Agius** (Qorti tal-Appell Kriminali, 09/01/2003)

takkorda ftit żmien lill-imputat sabiex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi. Addirittura kien hemm ukoll sentenzi li fihom il-Qorti ppermettiet illi t-talba għall-korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni ssir anke wara li l-provi tagħha jkunu ġew magħluqa.[2]

9. Mhux l-istess jista' jingħad għal dak li seħħ matul l-aħħar għoxrin sena fejn insibu li f'numru ta' sentenzi, kemm din il-Qorti u kif ukoll il-Qorti tal-Appell kienu inqas akkoljenti u f'ċertu sens iżjed riġidi fuq dak li kienu lesti jaċċettaw bħala diskrepanzi jew diverġenza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi mressqa.[3] Dawn is-sentenzi jisħqu illi huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' xi żball fl-avviż, titlob il-korrezzjoni appożita fil-mument opportun. Sentenza impekkabbli li daħlet fid-dettal fuq l-iżvilupp ta' din il-materja fil-ġurisprudenza hija dik deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mill-Imħallef Aaron M. Bugeja fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi** (App. Nru. 297/2017, 15/10/2019).

10. II-Prim Imħallef Emeritu Vincent DeGaetano kien stqarr is-segwenti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali, 05/08/2003):

> *"L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post",*

---

[2] Ara **Il-Pulizija v. Frank Borg** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 06/03/1954), **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali, 05/08/2003), **Il-Pulizija v. Joseph Zammit** (Qorti tal-Appell Kriminali, 13/01/2016), **Il-Pulizija v. Alfred Grixti** (Qorti tal-Appell Kriminali, 26/03/2018)

[3] Ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. John Mary Briffa** (Qorti tal-Appell Kriminali – 18/10/2005), **Il-Pulizija v. Warren Piscopo** (Qorti tal-Appell Kriminali – 19/10/2011), **Il-Pulizija v. Rita Theuma** (Qorti tal-Appell Kriminali – 19/10/2011), **Il-Pulizija v. Michael Camilleri et** (Qorti tal-Appell Kriminali – 26/04/2018.

*"hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal- prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn."*

11. L-Imħallef Harding (kif ikkwotat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi tal-Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja fosthom dik diġa ċitata **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi** kif ukoll **Il-Pulizija v. Leeandra Mifsud** (App. Nru. 104/2018, 16/01/2020)) stqarr is-segwenti:

*"Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa reasonable information as to the nature of the charge. Reasonable trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, ergo fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie decieved or misled allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, variance bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża."*

12. Din il-Qorti tinnota illi preżentement ma’ teżistix posizzjoni waħda uniformi u konsistenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali[4]. Madanakollu il-Qorti tinklina sew lejn il-posizzjoni tradizzjonali illi ċ-ċitazzjoni m’hija xejn għajr *avviso di comparire* u kwalunkwe żbalji fil-komparixxi li jistgħu jissewwew mingħajr ma’ tiġi ppreġudikata serjament d-difiża tal-imputat, għandhom jitħallew isiru.

13. Fil-każ *de quo* l-ilmenti tad-Difiża huma tnejn u ċioe illi minn kif xehdu **Joe Cucciardi** u **Stella Cucciardi** hemm dubbju serju dwar il-lok fejn ingħad li seħħ l-inċident (Triq Tumas Dingli, Żabbar) u d-data ta’ meta seħħ (7 ta’ Mejju 2022). Fir-rigward tal-lok huwa minnu li ż-żewġt xhieda msemmija rreferew għal Triq il-Kunvent bħala t-triq fejn seħħ l-inċident. Madanakollu huwa bil-wisq ċar mill-provi kollha inkluż mill-affidavit ta’ PS 133 u mill-isketch illi l-inċident seħħ f’salib it-toroq bejn Triq Tumas Dingli u Triq il-Kunvent. M’huwiex il-każ għalhekk illi għaliex l-impatt seta’ seħħ fi Triq il-Kunvent, ftit metri’l bogħod minn fejn tispiċċa Triq Tumas Dingli, allura l-lok indikat huwa skorrett. Jekk hemm nuqqas ta’ preċiżjoni dan bl-ebda mod ma jnissel fil-Qorti xi dubbju (wisq anqas dubbju raġjonevoli) dwar fejn seħħ l-inċident. Finalment u huwa dan fil-fehma tal-Qorti l-iżjed importanti, l-imputat qatt ma tqiegħed f’posizzjoni li ma jistax jiddefendi ruħu sew bil-mod kif ġew redatti l-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu.

14. Għal dak li għandu x’jaqsam id-data, huwa minnu ukoll illi Joe Cucciardi xehed illi mingħalih li l-inċident seħħ f’Jum il-Mara, f’Mejju 2022. L-abbli avukat difensur tenniet illi ġaladarba Jum il-Mara ma kienx Mejju imma kien Marzu, allura l-imputat għandu jiġi liberat fuq kunflitt ta’ provi. Il-Qorti bir-rispett ma tqisx li dan l-argument jreġi. Mhux kull inkonsistenza jew żball f’dak li jgħid xhud huwa suffiċjenti biex inissel dubbju

---

[4] Ara pereżempju s-sentenzi tal-Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja (fosthom dik diġa ċitata kif ukoll **Il-Pulizija v. Leeandra Mifsud** (App. Nru. 104/2018, 16/01/2020) u s-sentenzi tal-Onor. Imħallef Consuelo Scerri (**Il-Pulizija v. Carmel Xerri** - Appell Nru 227/2018, 16/05/2019) u l-Onor. Imħallef Edwina Grima (**Il-Pulizija v. Fr. Michael Camilleri et.** - Appell Nru: 440 / 2017, 26/04/2018).

raġjonevoli li jimmilita kontra s-sejbien ta' ħtija. Huwa ċar għall-Qorti illi l-imputat kien qiegħed jirreferi għal Jum l-Omm u mhux Jum il-Mara. Anke l-fatt li Jum l-Omm fis-sena 2022 kien jaħbat fit-8 ta' Mejju 2022 (u mhux fis-7 ta' Mejju 2022) ma jġibx b'daqshekk illi hemm xi kunflitt serju fil-provi iktar u iktar fid-dawl tal-provi l-oħra li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni.

15. Huwa ċar għall-Qorti illi l-imputat ma' kellux fejn jitfixkel dwar fejn u meta suppost ġraw il-fatti li qed jiġi imputat bihom. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-liġi dwar ir-rekwiżiti taċ-ċitazzjoni ġie pjenament sodisfatt u li m'hemmx dubbju li l-imputat kien jaf għal xiex qiegħed iwieġeb meta tressaq quddiem il-Qorti.

16. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-Qorti ma tqisx kredibbli x-xhieda Isis Zammit Saliba illi l-imputat kien waqaf fuq l-*istop sign* qabel ma ħareġ 'l barra minn Triq Tumas Dingli u dan fid-dawl tal-provi l-oħra prodotti. Għalhekk tqis li din ġiet pruvata b'mod sodisfaċenti mill-Prosekuzzjoni.

17. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik dwar sewqan b'manjiera bla kont, l- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel**

**kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

**(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.**

18. Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**' illi:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

19. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-

Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

*"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

21. Mill-provi jirriżulta lill-Qorti illi n-nuqqas tal-imputat illi jieqaf fuq l-istop sign qabel ma joħroġ għat-triq prinċipali kien konsistenti f'nuqqas li jżomm *a proper lookout* u għalhekk l-aġir tiegħu huwa ksur b'mod ċar tar-regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti temmen fiċ-ċirkustanzi illi għalkemm jistgħu saħansitra jeżistu l-estremi tas-sewqan b'nuqqas ta' kont, madanakollu minimament jirriżulta ppruvat is-sewqan b'mod traskurat. Għalhekk il-Qorti sejra ssib ħtija tal-imputat għal din l-imputazzjoni pero' fi grad inqas u ċioe fil-livell ta' sewqan b'mod traskurat.

22. It-tielet imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata għalkemm din hija assorbita fl-imputazzjoni iżjed serja u ċioe fl-imputazzjoni numru tnejn.

23. Ir-raba' imputazzjoni hija dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi. L-imputat esebixxa f'dan ir-rigward ritratt ta' polza tal-assigurazzjoni maħruġa minn Mapfre Middlesea Insurance. Din turi li l-polza inħarġet lil ċertu Anthony Saliba u kienet tkopri l-perjodu in kwistjoni. Madanakollu kien il-*policyholder* biss il-persuna awtorizzata li ssuq u għalhekk l-imputat ma kienx kopert mill-assigurazzjoni fid-data in kwistjoni. Hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[5] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu u mhux biżżejjed li jintwera li kien hemm polza viġenti fir-rigward tal-vettura. Għaldaqstant anke din ir-raba' imputazzjoni tirriżulta li ġiet ippruvata.

24. Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, fid-dawl ta' dak li xehdet Isis Zammit Saliba, il-Qorti tqis li hemm dubbju raġjonevoli dwar kemm l-imputat ħa l-vettura in kwistjoni mingħajr il-kunsens ta' sidha u għalhekk qed tilliberah minnha.

---

[5] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' r-Regolament 2 (Taqsima II, E(a)) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Art. 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni, il-Qorti ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn (pero' fi grad inqas u ċioe fil-livell ta' sewqan b'mod traskurat), tlieta u erbgħa u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u tmien mitt euro (€ 2,800). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem. Fuq talba tal-imputat il-Qorti tawtorizza li l-ħlas tal-multa jsir fuq medda ta' tmienja u għoxrin (28) xahar f'pagamenti mensili ta' mitt euro (€ 100).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |